## MILIED 1962

*Kanarin ċkejken*
*Igħanni ħelu fil-għodwa tal-Milied*
*X'ħin bu għax-xemx fit-tieqa*
*U jiena medhi*
*U ġewwa qalbi ferħ ma jitfissirx;*
*Għaliex fil-għodu kmieni*
*Meta jien u Ġesu'*
*Tkellimna ftit fit-tul*
*U fis saqsejtu*
*Dak li ġo moħħi berren għal jiem sħaħ:*
*Għaliex dan il-Milied*
*Għaliex kulliemkien dwal, tiżjin u għana*
*Għaliex għaġeb hekk kbir?*
*Dlonk smajt tweġibtu,*
*Qisu mistagħġeb bija*
*Kif jista' jkun ma nafx:*
*"Ma tafx li fi twelidi bdiet il-Fidwa*
*U l-bniedem li taħt madmad kiefer mgħawweg*
*W mjassar, sebħ is-sema qatt ma lemaħ,*
*Jien ħlist...*
*U seta' jerfa' għajnejh w il-fuq iħares,*
*Għajnejħ bit-tama jibbru*
*U jnissel f'qalbu ferħ li hu dejjiem?"*

*Ma hekk kif nibet l-hena*
*Għal dak li m'n għandu smajt,*
*Għaddiet bħal sħaba sewda minn għalija —*
*Tassew Mulej li inti kollok tieba*
*Il-hniena nfisha,*
*Int ġibt ir-riżq w erfajt mill-għawġ lid-dinja;*
*Iżda Sinjur...*
*Dak li jsewwidli Qalbi:*
*Li għomja n-nies mexjin,*
*Jiddiehqu jixxalaw, jiżfnu, jitbahrdu;*
*Qed nara li l-Milied*
*Mhux ħlief xi għors għalihom,*
*Xi għors mingħajr tifsira*
*— U lilek twajjeb ħadd ma jrid jaf bik —*
*Ma jaħsbu xejn.*

*Lejl dalmi jaħkem f'ruħhom*
*Ma jistgħux jifhmu*
*Le msejkna xejn ma jafu*
*Li l-Fidwa mistennija Miegħek bdiet;*
*Li Int dawlet il-ħajja mistennija*
*Li ma tintemmx fit-trab u fih tintesa –*
*Iżda ħajja fejn qalb il-bniedem timla*
*Biex qatt ma tofrogħ,*
*Hajja dejjiema, rżina,*
*Hajja ta' dawl u dija,*
*Fejn l-ebda dell*
*Ta' swied ta' qalb, ta' għelt, ta' ġlied, ta' għira,*
*Ta' biża li jintemm il-hena mġarrba,*
*Li l-mewt taħtafna*
*U tofthom, hu min hu, minn mili l-qalb...*
*Ma jsaltan.*

*Is-sħaba sewda għaddiet*
*Għalkemm imbikkma b'ħasra għall-bnedmin bagħqet*
*Qalbi mikduda...*
*Dina biss xewqti,*
*Din hija talbti*
*Li qalb kull ħlejqa*
*Titgħammex b'dawl il-ħajja u tissaħħar*
*W iħossu fihom jikbes xrar il-hena*
*Mingħajr għammieq...*
*L-hena tal-fidwa.*

*Iċ-ċkejken kanarin il-għana jferra'...*
*Rafagħni minn dan l-ħsieb,*
*'Ma l-għana tiegħu, dal-ħsieb l-ieħor nissilli:*
*Dan żgur li qatt ma jaf għaliex qed jifraħ;*
*Dan ħajjtu tmur mar-riħ;*
*Ma hux igħanni għax il-fidwa waslet...*
*Għax fidwa m'hemmx għalih ...*
*Qalbi f'henitha żiedet,*
*Hajr ġewwieni*
*Bi kliem ma jitfissirx,*
*Għaliex jien bniedem!*
*Dil-ħajja w l-oħra wkoll, dawn it-tnejn tiegħi...*
*Jien ngħix dil-ħajja w l-oħra wkoll – ta' hena:*

*Għalhekk nifraħ irrid;*
*Nixtieq ma kulliemkien niġri inħabbar*
*U mingħajr beda nfakkar*
*Li l-fidwa bdiet!*

26.12.62 – 3.1.63 BR. BERNARD MALLIA S.J.

## GĦALL-QABAR

*Nieżel,*
*Bilmod.*
*Nieżel,*
*Nirtogħ'd.*
*Nieżel, bla ħajja,*
*bla ġrajja,*
*fil-bogħ'd.*

*Nieżel,*
*Għajjien,*
*Nieżel,*
*Biż-żmien.*
*Nieżel, il-ġisem,*
*bla isem,*
*għarwien.*

*Nieżel,*
*Bla kliem.*
*Nieżel,*
*Bla sliem.*
*Nieżel, bħal ħati*
*inħati*
*sat-tmiem.*

*Nieżel,*
*Bla ġlied,*
*Nieżel,*
*Fis-skiet.*
*Nieżel ninġabar*
*fil-qabar*
*għall-kwiet.*

*Nieżel,*
*Fit-talb.*
*Nieżel,*
*Bil-qalb.*
*Nieżel bit-tama,*
*bit-tama qawwija,*
*li f'sebħ iż-żgħożija*
*inkisser l-irħama*
*biex ngħix kollni dija*
*ma' Alla Missieri*
*f'Ġesù Kristu bija*
*għal dejjem*
*ta' dejjem*
*Amen.*

MELBOURNE DUN ĠUŻEPP ABELA